

2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 89, 16.3.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 2016 – Dima vs EUIPO (Forma ta' reċipjent kompost minn żewġ kaxxi miftuħa)

(Kawża T-326/15) (¹)

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali — Forma ta' reċipjent kompost minn żewġ kaxxi miftuħa — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru°207/2009 — Rikors manifestament infondat fid-dritt”]

(2016/C 222/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Dima Verwaltungs GmbH (Hambourg, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Kerkhoff, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: inizjalment A. Graul u A. Schifko, sussegwentement A. Graul u M. Fischer, aġenti)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2015 (Każ R 2567/2014-5), dwar talba għal reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit minn forma ta' reċipjent kompost minn żewġ kaxxi miftuħa bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Dima Verwaltungs GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 328, 5.10.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 2016 – Dima vs EUIPO (Forma ta' kaxxa miftuħa)

(Kawża T-383/15) (¹)

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali — Forma ta' kaxxa miftuħa — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru°207/2009 — Rikors manifestament infondat fid-dritt”]

(2016/C 222/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Dima Verwaltungs GmbH (Hambourg, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Kerkhoff, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Marzu 2015 (Każ R 2568/2014-5), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit minn forma ta' kaxxa miftuħa bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Dima Verwaltungs GmbH hija kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 328, 5.10.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' April 2016 – Mikulik vs Il-Kunsill

(Kawża T-520/15 P) (¹)

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Tkeċċija wara t-tmiem tal-perijodu ta' prova — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat”)

(2016/C 222/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Filip Mikulik (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Appellata: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u M. Veiga, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (Imhalled uniku) tal-25 ta' Ġunju 2015, Mikulik vs Il-Kunsill (F-67/14, EU:F:2015:65), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Filip Mikulik huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 354, 26.10.2015.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' April 2016 – Corsini Santolaria vs EUIPO — Molins Tura (biombo 13)

(Kawża T-145/16)

(2016/C 222/28)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Laura Corsini Santolaria (Madrid, Spanja) (rappreżentant: P. Merino Baylos, avukat)